**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar it-Tlieta 10 ta' Novembru 2020;</u>**

**<u>Rikors nru: 231/2019 AGV;</u>**

**AB C f' isimha propju u f' isem bintha DC li twieldet fit- 12 ta' Jannar 2015**

**vs**

**EFC**

**U**

**GH**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' ABC** datat 4 ta' Ottubru 2019, fejn esponiet bir-rispett u bil-gurament taghha kkonfermat li taf personalment;

1. Illi fit- 12 ta' Jannar 2015, l-attrici weldet tifla bl-isem ta' DC li ghadha minuri u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid li jgibin-numru ta' iskrizzjoni; 2803/2018 hawn anness, u mmarkat Dok. A;

2. Illi mill-att tat-twelid irrizulta illi l-attrici ABC hija omm l-imsemmija Minuri u fil-kolonna intestata 'isem u kunjom il-missier', il-konvenut EFC gie registrat bhala missierha;
3. Illi r-rikorrenti ABC u l-konvenut EFC izzewwgu fit-28 ta' Gunju tas-sena elfejn, kif jirrizulta mic-certifkat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. B u ilhom jghixu serparati de facto mis-sena 2013.
4. Illi minkejja illi r-rikorrenti u l-konvenut EFC huma mizzewwgin, huma ilhom ma jghixu taht l-istess saqaf ghal diversi snin u cjoe' minn qabel il-koncepiment tal-imsemmija minuri;
5. Illi l-minuri ma hix wild naturali tal-konvenut EFC u dan stante illi fl-istess zmien tal-koncepiment, ir-rikorrnti kellha relazzjoni extra matrimonjali mal-konvenut l-iehor, GH
6. Illi r-rikorrenti bi hsiebha illi tinizja procedure ta' separazzjoni minn ma' zewgha EFC galadarba tigi rizolta din il-kwistjoni tal-minuri DC.
7. Illi fil-perjodu relevanti maa giet koncepita DC, r-rikorrenti kellha relazzjoni intima mal-konvenut GH.
8. Illi r-rikorrenti damet ma rregistrat it-twelid tal-minuri minhabba l-fatt illi ma xtaqitx li tigi registrata bhala li hija bint zewgha, meta fir-rejalta' din hija bint GH.
9. Illi l-konvenut H kkonferma l-paternita' tieghu permezz ta' affidavit ikkonfermat bil-gurament quddiem in-nutar Luca Burlo' fit- 3 ta' mejju tas-sena 2018, liema kopja qed tigi hawn annessa, u mmakata Dok. C;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghal ragunijiet premessi ghaliex ma ghadhix din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni;

a. Tiddikjara li l-konvenut GH huwa l-missier naturali ta' D u mhux il-konvenut EFC.
b. Tordna lid-direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fic-certifikat tat-twelid tal-minuri D ( att tat-twelid 2803/2018 ), billi fil-kolonna intestata ' isem u kunjom missier it-tifla' jigi ikkancellat l-isem EFC, u jigi sostitiwit bl-isem GH, u tordna ukoll li l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokument tal-identita', ghall-eta', ghall-post tat-twelid, u tar-residenza, u ghal-isem u kunjom il-missier hekk hux haj jew mejjet , in kwantu jirriferu ghall- missier il-minuri, jigu korretti konsegentament jigu sostitwiti b' dawk il-partikolaritajiet u cjoe' taht il-kolonna , ' id-dokument tal-identita' jigi jaqra' 120177 M; taht il-kolonna eta' jigi jaqra' 37; taht il-kolonna ' twieled' tigi taqra' Pieta', taht il-kolonna ' residenza ' jigi jaqra' Zabbar, Malta; u taht il-kolonna ' isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet ', jigi jaqra' haj.
c. Tordna illi l-kunjom tal-minuri jigi jaqra' HIJ.

Bl-ispejjez konra l-konvenuti li jibqghu ingunti minn issa in subizzjoni.

Il-Qorti rat in-nota ta' GH datata 30 ta' Ottubru 2019 li permezz taghha huwa qed jammetti t-talbiet attrici peress li jaqbel illi huma l-missier naturali tal-minuri DC.

Fis-seduta tat-Tlieta 30 ta' Gunju 2020, deher il-konvenut EFC li ddikjara li huwa jaqbel li mhux il-missier naturali ta' DC u ghalhekk mhux ser jipprezenta risposta u jitlob li ma jehel ebda spejjez f' dal-proceduri.

Rat id-dokumenti esebiti, fosthom l-affidavit ta' GH, li kkonferma bil-gurament tieghu li huwa l-missier naturali tal-minuri, kif ukoll l-affidavit tal-attrici.

**IKKUNSIDRAT**

Dwar il-pussess tal-Istat ta' Wild Legittimu l-**Artikoli 80 u 81 tal-Kap 16** jipprovdu kif gej:-
**Artikolu 80**:

(1) Il-pussess tal-istat ta' iben legittimu jigi stabbilit minn gabra ta' fatti li, mehudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.

(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:

> (a) illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu hu jghid li hu l-iben;
>
> (b) illi l-missier ikun ittrattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita', haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah;
>
> (c) illi t-tifel ikun gie dejjem maghruf bhala tali man-nies;
>
> (d) illi huwa jkun gie maghruf bhala tali mill-familja.

L-**Artikolu 81 tal-Kap 16** jipprovdi illi:-

(1) Hadd ma jista jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben mnissel jew imwieled matul iz-zwieg u l-pussess ta' stat li jaqbel ma dak l-att.

(2) Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iz-zwieg li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tieghu.

Fejn il-filjazzjoni legittima tkun pruvata bl-att tat-twelid u bil-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att, "*l'azione di contestazione dello stato di figlio legittimo e' inamissibile*" (**Vol.XXIX P1 p 427**). Il-presunzjoni stabbilita bl-Artikolu 67 tal-Kodici Civili hi li "*l-iben mnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu*". Jinsab pacifikament stabbilit illi *"din il-presunzjoni m'hijiex assoluta, imma biss 'juris tantum' u ssir 'juris et de jure' meta l-istat ta' tifel legittimu jirrizulta mhux biss mill-att tat-twelid, imma ukoll mill-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att".* (**Vol. XXXVII P II p 768**).

Dan ifisser li meta z-zewg estremi imsemmija fl-Artikolu 81 tal-Kap 16, cioe' l-att tat-twelid u l-pussess ta' stat, ma jikkonkorrux flimkien l-presunzjoni ma tibqax assoluta u, f'dak il-kaz, l-paternita' legittima rizultanti mill-att tat-twelid tista' tigi eskluza bi provi kif jistabilixxi l-Artikolu 82 tal-Kodici Civili.

Bl-azzjoni proposta l-attrici qed tattakka l-presunzjoni stabbilita bl-Artikolu 67 tal-Kodici Civili li meta tarbija titwieled minn mara mizzewga li tkun ikkoncepiet lit-tarbija matul iz-zwieg, il-presunzjoni legali hi, eccetto l-eccezzjonijiet kontemplati mill-ligi, illi l-wild huwa iben ir-ragel tal-omm li weldet it-tarbija.

L-**Artikolu 67 tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".

Ghal-ligi taghna, l-omm tat-tarbija hija dejjem l-omm li weldet it-tarbija, "**mater semper certa est".** Il-ligi nostrana ma tikkonsidrax b'mod legger talbiet sabiex isir tibdil fl-att tat-twelid ta' persuni mwielda fiz-zwieg. Fil-kawza fl-ismijiet "**Anthony Grima vs Josianne Grima et**", kawza ta' denegata paternita', deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April 2012 ntqal:-

*"L-azzjoni tallum hija mahsuba mhux biss biex iccahhad lill-ulied mill-istat ta' wlied imnissla matul iz-zwieg izda ukoll biex iccahhadhom mill-familja li fiha illum trabbew, interess li ukoll irid ihares l-artikolu 81(2) (Kap.16), u huwa ghalhekk illi l-ligi ma tridx li tinbidel is-sitwazzjoni ta' min tnissel fiz-zwieg u ghandu stat li jaqbel ma' dak li jghid l-att tat-twelid tieghu".*

Fil-kawza fl-ismijiet "**Diane Lia noe vs Mohamed Melikechi et**" deciza mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2002 intqal:-

*"Dwar il-filjazzjoni naturali l-Kodici Civili taghna jikkontempla dawn il-kategoriji ta'azzjonijiet:- (a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew 'denegata paternita' li l-ligi tirrizerva biss lir-ragel ta' omm it-tifel (Artikolu70); (b) L-impunjattiva tal-istat legittimu prospettata fl-Artikoli 76 u 77, li hi moghtija b'mod generali lil kull min ghandu interess fil-kazijiet f'dawn id-disposizzjonijiet kontemplati. Tali azzjoni ssir ukoll fil-konfront tat-tifel jekk maggorenni jew fil-konfront ta' kuraturi f'kaz li t-tifel ikun minorenni jew mhux tajjeb biex joqghod f'kawza (Artikolu 75); (c) Ir-ricerka tal-*

*paternita' li hi moghtija lit-tifel (Artikolu 84) u estiza ukoll lid-dixxendenti jew eredi tieghu kif hekk previst fl-Artikolu 85".*

Illi bl-azzjoni odjerna, l-attrici trid li l-konvenut EFC jigi ddikjarat li mhuwiex il-missier tal-minuri DC, anke jekk din twieldet waqt iz-zwieg bejnu u l-attrici, izda l-istess minuri tigi ddikjarata l-wild naturali tal-konvenut l-iehor, GH. F'dawn il-kawzi, l-aqwa prova hija dik xjentifika, kif jipprovdi l-Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-istess Artikolu, fis-subinciz (3) tieghu, jipprovdi s-segwenti:

> "Fin-nuqqas ta' provi ġenetiċi u xjentifiċi, il-Qorti Ċivili(Sezzjoni tal-Familja) tista' tikkunsidra kwalunkwe evidenza oħrappreżentata lilha li dik il-Qorti tqis bħala relevanti, inkluż illi tisletinferenzi mill-fatt illi persuna ma tkunx ipprovdiet kampjun ġenetikuminkejja li tkun ġiet ordnata li tagħti dak il-kampjun

Illi mill-provi prodotti mill-partijiet, il-Qorti hija soddisfatta li l-minuri DC hija fil-fatt il-wild naturali tal-konvenut GH, u mhux il-konvenut l-iehor, EFC. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li t-talbiet attrici ghandhom jintlaqghu.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Tilqa' t-talbiet attrici, u ghalhekk;

a. Tiddikjara li l-konvenut GH huwa l-missier naturali ta' D u mhux il-konvenut EFC.
b. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fic-certifikat tat-twelid tal-minuri D (att tat-twelid 2803/2018), billi fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tifla' jigi ikkancellat l-isem EFC, u jigi sostitiwit bl-isem GH, u tordna ukoll li l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokument tal-identita', ghall-eta', ghall-post tat-twelid, u tar-residenza, u ghal-isem u kunjom il-missier hekk hux haj jew mejjet , in kwantu jirriferu ghall- missier il-minuri, jigu korretti konsegentament jigu sostitwiti b' dawk il-partikolaritajiet u cjoe' taht il-kolonna , ' id-dokument tal-identita' jigi jaqra' 120177 M; taht il-kolonna eta' jigi jaqra' 37; taht il-kolonna ' twieled' tigi taqra' Pieta', taht il-kolonna ' residenza ' jigi jaqra' Zabbar, Malta; u taht il-kolonna ' isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet ', jigi jaqra' haj.
c. Tordna illi l-kunjom tal-minuri jigi jaqra' HIJ.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Cettina Gauci**

**Anthony G. Vella** **Dep Reg**